TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/257/12/S

Clive Schembri
Vs
KMK Limited u Kargo Aluminium Limited

Illum 1 t'Ottubru,2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Clive Schembri pprezentata fl-4 t'Ottubru,2012 filwaqt li s-socjeta KMK Limited u s-socjeta Kargo Aluminium Limited, ghalkemm debitament notifikati, baqghu la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrenti u t-trattazzjoni tieghu maghmula fis-16 ta'Lulju,2015;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu imhallas ghal xoghol ta' "aluminium" li baqa' ma twettaqx ghajr ghal tieqa u bieb li dwarhom ir-rikorrent jilmenta wkoll;

Illi t-Tribunal jirrileva li din il-kawza ma kelliex tiehu daqshekk zmien biex tigi deciza li kieku tharrket mal-ewwel is-socjeta Kargo Aluminium Limited li maghha hemm iffirmat il-ftehim ta' bejgh u li l-istess socjeta harget 'invoice' datata 22 ta'Novembru,2010 fejn hemm indikat id-depozitu mhallas;

Illi fil-fatt mill-provi jirrizulta li hi s-socjeta Kargo Alumium Limited li ghandha x'taqsam mat-talba ta' Clive Schembri u mhux is-socjeta KMK Limited;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimati naqsu milli jwiegbu ghat-talba ta' Clive Schembri u lanqas dehru ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Clive Schembri li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimati;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimati ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal ghat-talba ta' €2500 u pprezenta l-ircevuta relattiva;

Illi min-naha l-ohra l-intimati ma deherux biex jitfghu dawl fuq din it-talba u lanqas biex jaghtu l-verzjoni taghhom;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Clive Schembri u filwaqt li Jillibera lis-socjeta KMK Limited mill-osservanza tal-gudizzju, Jordna lis-socjeta Kargo Aluminium Limited thallas lil Clive Schembri s-somma ta' €2500 kif konfermata bil-kopja tal-ircevuta pprezentata, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata Kargo Aluminium Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru